# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 29

9 ta' Awwissu, 2021

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iddeċieda li din il-laqgħa ssir b'mod virtwali permezz tas-sistema online bil-Microsoft Teams® (skond Ċirkulari 03/2020 maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali) minħabba l-pandemija ta' Covid-19, fis-1.42 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Joseph Bajada – Kunsillier
Steven Gauci – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

# Aġenda Nru. 29

29.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
29.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 28 – 9;
29.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
29.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
29.5 Komunikazzjoni;
29.6 Rapport Finanzjarju Annwali 2020 (*audited*);
29.7 Ilmenti u Suġġerimenti;
29.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 8/2021;
29.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku qal li llum erġajna mhux qed niltaqgħu fiżikament minħabba r-raġunijiet li kullħadd jafhom dawk taċ-ċirkostanzi li għadna għaddejjin minnhom u madwar id-dinja b'din il-pandemija tal-COVID-19 u għalhekk din il-laqgħa qed issir b'mod virtwali permezz ta' sistema *online* ta' Microsoft Teams® skond Ċirkulari 03/2020 maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, dan qed isir peress li l-kamra tal-laqgħat hija ftit żgħira u ma jkunx hemm distanza adegwata għal kull membru u s-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku kompla billi ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 29.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

29.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma kellux ittri ta' apoloġiji peress li l-Kunsillieri kollha kienu preżenti b'mod virtwali għal din il-laqgħa.

## 29.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 28 – 9

29.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa Nru. 28 – 9 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi, b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti, dawn se jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 29.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

29.3.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar l-offerta għal pavimentar u rinnovar ta' Pjazza Santa Margerita il-bord kompost għadu għaddej bl-aġġudikazzjoni u l-evalwazzjoni. Is-Sindku qal li hu nfurmat mic-Chairman tal-bord li dan il-bord diġa ltaqa aktar minn darba u jinsab fi stat avanzat. Hu nforma lill-Kunsill li skond il-Perit irid isir survey tax-shelter ta' żmien il-gwerra biex issir applikazzjoni DNO mall-Awtorita' tal-Ippjanar. Il-Kunsill qabel li għandu jara min ser jiftaħ il-kapitelli ta dan ix-shelter li jinsab quddiem il-każin tal-banda fil-pjazza biex dan jiġi spezzjonat. Dwar dan kien hemm qbil mill-Kunsill.

29.3.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li d-Direttur tat-TV series "Madame Blanc" bgħat imejl fejn infurmana li qed joffru donazzjoni oħra ta' €2000 biex tibbenefika l-lokalita'. Hu qal li l-Kunsill għandu jaċċetta din id-donazzjoni u jispera li fil-futur qarib jinħadmu progetti simili. Il-Kunsill qabel ma din l-għotja. Il-Kunsill qabel ukoll li jikkonferma din l-għotja.

29.3.3 Is-Sindku qal li riċenti l-kumpanija GreenPak installat CCTV cameras ġodda fejn l-iBins li hemm fi Triq Ta' Durell u fi Triq Ta' Bebunaq u li dawn ser ikunu immoniterjati 24 siegħa kuljum. Kif kien diġa diskuss fil-laqgħat preċedenti dawn ser ikunu mmoniterjati ukoll mill-LESA li dawn ser ikunu qed jimmultaw f'każ ta' bżonn għal kull abbuż. Is-Sindku qal li b'hekk dawn iż-żoni ser ikunu nodfa u mhux ser ikun hemm aktar abbużi li jitħalla barra minn dawn il-kontenituri. Il-Kunsill diġa nforma b'dan lir-residenti permezz ta' avviż u l-Facebook page tagħna. Għandhom jiġu nstallati tabelli apposta fejn l-iBins li jgħidu li dawn qed jiġu mmoniterjati biex ma jkunx hemm abbuż. Is-Sindku qal li rigward l-iBins fi Triq Ta' Durell il-kumpanija GreenPak qed titlob li jsir fencing permezz ta' ħadid biex jipproteġu dawn il-bins. Il-Kunsill qabel li jsir, li jiġu nstallati dawn it-tabelli u ħadid forma ta' n-shape biex jipproteġu dawn il-kontenituri. Dwar il-ħadid il-Kunsill qabel li jixtri l-materjal u tintalab l-għajnuna tal-MGOZ biex isiru dawn l-n-shapes ta' sapport.

29.3.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għada ser issir laqgħa mas-Superitendent tal-Pulizija fejn se jiġi diskuss l-egħluq ta' parti minn Pjazza Santa Margerita mill-BOV sa Triq Dun Xand Aquilina kull nhar ta' Sibt u Ħadd matul l bqija tas-sajf bħal ma kien sar s-sena l-oħra . Dan se jkun qed isir minħabba li l-istabilimenti tal-ikel u xorb li qed jitolbu li jsir dan u b'hekk nevitaw kull periklu fuq din in-naħa ta din il-Pjazza. Il-Kunsill qabel li dan l-egħluq ta' din in-naħa tal-Pjazza Santa Margerita mill-BOV sa Triq Dun Xand Aquilina għandhu tibda jingħalaq kull nhar ta' Sibt u Ħadd minn nhar is-Sibt li ġej sal-Ħadd 3 ta' Ottubru 2021 bejn 7.30 p.m. u nofs il-lejl.

29.3.5 Is-Sindku qal l-sid ta' stabiliment minn Pjazza Santa Margerita ħareġ bl-idea li ssir attivita' ppjanata maqsuma fi tlett t'ijiem, f'weekend fix-xahar ta' Otturbru 2021 b'inċentiv biex tingħata aktar ħajja fil-pjazza. Il-Kunsill qabel li jkun jista jsir dan basta jkun hemm dawk il-permessi kollha meħtieġa f'dawn iċ-ċirkustanzi tal-pandemija. Il-Kunsill għandu jiltaqa' ma dan is-sid biex jara eżatt x'ser u jista jsir.

29.3.6 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar servizzi u manutensjoni li qed isir mill-Water Service Corporation fejn qed iqattgħu wiċċ it-triq minħabba s-servizzi u li r-reinstatment tiegħu qed isir b'mod diżastrus u li b'hekk qed tiġi rrovinata t-triq. Is-Sindku ssuġġerixxa li tintbgħat ittra lill-korporazzjoni bl-Avukat. Il-Kunsill qabel ma dan.

29.3.7 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kellu laqgħa mad-Direttur tad-direttorat tal-Cultural Heritage fejn ġiet diskussa "On the Road Exhibition" li ser issir is-sena li ġejja. Hu qal li ser jitlob l-għajnuna tas-Sur George Azzopardi biex naraw x'materjal wieħed jista joħroġ għal din l-esebizzjoni.

29.3.8 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġejna nfurmati mid-DLG Strateġija u Implimentazzjoni tal-Policy li mill-applikazzjoni għall-Finanzjament ta' Proġetti Kapitali Aċċessibilta' u Mobilta' wara li ġew evalwati mill-Bord nfurmawna li talba tagħna ġiet aċċettata u kkwallifikajna għall-ammont ta' €34,000 meta l-applikazzjoni kienet ta' €70,000. Din l-applikazzjoni kienet fuq xiri ta' van għal użu tal-Kunsill u dawk il-persuni anżjani jew bi bżonnijiet speċjali li jħossu l-bżonn li jużaw dan is-servizz li l-Kunsill jkun jista jipprovdi permezz ta din il-vettura. Il-Kunsill qabel li jrid jara għaliex ingħata dan l-ammont biss.

29.3.9 Is-Sindku bi pajċir nforma lill-Kunsill li fuq it-talba li kienet saret lill-Ministeru għal Għawdex fuq għajnuna finanzjarja dwar il-proġett li kien sar ta' Triq Skerla fejn il-Kunsill kien ta' wiċċ ġdid bit-tarmak lil din it-triq meta kienu saru xogħolijiet mill-kumpanija Vodafone, il-MGOZ aċċetta li jgħin billi offra 70% ta' din it-triq u li l-kuntratt ġie ffirmat riċentament. B'hekk meta l-Kunsill jirċievi dawn il-fondi ser ikun jista jħallas din it-triq kompletament lill-Kuntrattur f'inqas żmien.

29.3.10 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nġabret kwotazzjoni biex jitneħħew is-siġar tal-palm li tħawwlu fil-playingfield fi Triq Marziena minn fejn kienu qabel f'Sannat Junction u li dawn ma qabdux u jidhru li mietu. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li dwar dan intalab ċertifikat mingħand Horticultural Consultant biex ikun jista jsir dan. Il-Kunsill qabel ma dan, biex dawn jitneħħew mill-Playing Field, għax apparti li qed ikerhu l-ambjent jistgħu jkunu ta' periklu billi jaqgħu mall-art.

29.3.11 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nġabret kwotazzjoni biex jitnaddaf l-istorm water culvert minn Pjazzetta tax-Xelina sal-junction ta' Triq Sannat. Il-Kunsill qabel li jiltaqa ma' dan il-kuntrattur biex jiġi spjegat dan ix-xogħol ta' tindif u qed jikkonsidra li l-quddiem joħroġ offerta għaliex fi Triq il-Gruwa hemm storm water culvert ieħor u li dawn iridu jkunu ndafa għal kull inkonvenjet speċjalment qabel tagħmel ix-xita.

29.3.12 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li t-Tender SNTLC 11/2021 għal Project Management Services (Pjazza Santa Margerita) wieħed mill-offerenti jiġi minnu u għalhekk biex ma jinħoloqx kunflitt ta' interess talab biex ic-Chairman tal-bord ma jkunx hu kif kien deċiż fl-laqgħa prċedenti. Il-Kunsill għandu jaħtar membru mill-Kunsill stess biex jaġixxi ta' Chairperson minfloku, għalhekk, hu rtira mill-laqgħa sa mall-Kunsill ħatar ic-Chairperson. Il-Kunsill ħatar lill-Viċi Sindku għal dan ir-rwol. Wara li sar dan, is-Sindku ntalab mis-Segretarju Eżekuttiv biex jerġa jingħaqad għal din il-laqgħa.

29.3.13 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni rigward l-evalwazzjonijiet tal-kwotazzjonijiet SNTLC 10/2021 u SNTLC 12/2021 li peress li l-bord irid ikun bil-farrad, għandu jiġi mitlub minn min ser ikun kompost mill-ġdid il-bord għal dan ix-xogħol. Il-Kunsill qabel li l-bordijiet jkunu komposti miċ-Chairman is-Sindku, l-Viċi Sindku, l-Kunsillieri Tewma u Gauci flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv.

## 29.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

29.4.1 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri preżenti jekk kellhomx xi mistoqsijiet, suġġerimenti jew proposti.

29.4.2 Il-Kunsillier Tewma staqsa jekk kienitx saret it-talba lill-Transport Malta rigward is-suġġerimenti li kien irċieva mingħand diversi ndividwi dwar il-veloċita tat-traffiku minn Triq ix-Xewkija biex issir ir-road hump f'din it-triq u jekk il-Kunsill kienx irċieva risposta. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill għandu jikteb lil Transport Malta dwar dan u li dan ma kienx għadu sar peress li din it-triq kienet għadha mhux lesta mix-xogħolijiet tal-wiċċ ġdid bit-tarmak, hu qal li fil-jiem li ġejjin ser jikteb lil Transport Malta dwar dan.

29.4.3 Il-Kunsillier Gauci qal li reġa ġie avviċinat minn Trust Foundation dwar Budding Project fejn il-Kunsill għandu jitlob lir-Reġjun Għawdex dwar dan. Is-Sindku nfuramah li ma setgħax jiġi diskuss fl-aħħar laqgħa peress din kienet laqgħa plenarja. Dwar dan il-Kunsill għandu javviċina lir-Reġjun.

## 29.5 Komunikazzjoni

29.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li bgħat imejl lill-persuna nkarigata mill-applikazzjoni ta' ġemellaġġ dwar jekk tistax issir estensjoni għal dan peress li għadna għaddejnin minn din il-pandemija tal-Covid-19.

29.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill b'Ċirkulari u b'Direttivi mibgħuta mid-DLG dwar:
Ċirkulari 5B/2021 – Politika għall-Gvern Lokali 2021
Direttiva 4/2021 – Proġetti ta' ICT fil-Kunsilli
Direttiva 5/2021 – Proċedura dwar sejħa għal Segretarju Eżekuttiv ma' Kunsilli Lokali jew Reġjonali

29.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:

19 ta' Lulju 2021 – Cir AKL 2021/070 – Kwestjonarju – Proġett Compose +

20 ta' Lulju 2021 – Cir AKL 2021/071 – Teambuilding – AKL, Kunsilli Reġjonali, Kunsilli Lokali u Diviżjoni għall-Gvern Lokali
21 ta' Lulju 2021 – Cir AKL 2021/072 – Stqarrija mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali – Ħlas mir-residenti ġewwa l-uffiċini tal-Kunsill Lokali
23 ta' Lulju 2021 – Cir AKL 2021/073 – Kuntratturi tal-ġbir tal-iskart u knis fil-lokalitajiet
26 ta' Lulju 2021 – RE: Ċirkulari 5B/2021 – Politika għall-Gvern Lokali 2021 - Risposta AKL

29.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill bl-imejls mibgħuta mir-Reġjun Għawdex u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:

16 ta' Lulju 2021 – Re Proposti għall-Baġit 2022
21 ta' Lulju 2021 – Re Invit – Laqgħa Plenarja – Reġjun Għawdex nhar l-Erbgħa, 4 ta' Awwissu, 2021, fis-6.00 p.m.
22 ta' Lulju 2021 – Gentle Reminder – Iffilmjar – Parteċipazzjoni f' Festival Internazzjonali tal-Bizzilla ġewwal-Kroazja – Settembru 2021
29 ta' Lulju 2021 – Gentle Reminder: Invit – Laqgħa Plenarja – Reġjun Għawdex nhar l-Erbgħa, 4 ta' Awwissu, 2021, fis-6.00 p.m.

29.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill bl-imejls mibgħuta mill-Planning Authority dwar applikazzjonijiet u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:

4 ta' Awwissu 2021 – PA/03966/21 – Proposed internal alterations and additions to dwelling house. – Cardona, Triq Ta' Sannat, Sannat
4 ta' Awwissu 2021 – PA/05389/21 – To sanction variations to development approved in PA8393/17, consisting of internal layout at ground and first floors and proposed three flats at second, third and receded floor levels. – Plot 7, Triq Ta' Xagħman, Sannat
4 ta' Awwissu 2021 – PA/03133/21 – GTD – Proposed change of use from sitting room to Office Class 4A. – December Rose, Triq Gerxija, Sannat

29.5.6 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li hu kiteb lill-Kummissjoni Ewropeja biex jekk hu possibli tiġi estiża l-grant tal-ġemellaġġ b'sena oħra peress li se jkun impossibli li dan isir minħabba l-pandemija tal-Covid-19.

## 29.6 Rapport Finanzjarju Annwali 2020 (*audited*);

29.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li r-Rapport Finanzjarju Annwali 2020 għadu mhux lest. Dan peress li l-Awditur għad għandu bżonn xi kjarifiki biex dan jiġi ffinalizzat.

## 29.7 Ilmenti u Suġġerimenti

29.7.1 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand residenta li toqogħod fi Triq il-Kbira, li kienet talbet li jsir disabled parking quddiem ir-residenza tagħha fejn irringrazzjat lil kull min kien ta' għajnuna biex ikun jista jsir dan.

29.8.2 Il-Kunsill irċieva imjel mingħand persuna fejn talbet li ssir tabella fejn il-junction ta' Triq Sannat, biex sewwieqa jagħtu kas li jista jkun hemm qniefed qed jaqsmu triq. Il-Kunsill għandu jinforma lill-MGOZ dwar dan.

29.8.3 Il-Kunsill iddiskuta biex jekk hu possibli jiġu nstallati rubber bollards mar-roundabout f'Sannat Junction sabiex jiġi kkontrollat aktar it-traffiku. Dwar dan għandna ninfurmaw lill-Transport Malta.

29.8.4 Il-Kunsill reġa irċieva imejl mingħand resident li joqgħod fi Triq Paranji, fejn għamel referenza għal talba li kien għamel biex tiġi rranġata toqba f'din it-triq. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din talba reġet intbagħtet lil MGOZ bis-sistema tal- *Works Request System.*

29.8.5 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward rimi ta' skart illegali fi Triq iċ-Ċnus.

29.8.6 Il-Kunsill irċieva ittra bl-avukat mingħand sid ta' post li qed jinbena ġdid fi Pjazza Santa Margerita, fejn din qed toġġezzjona għall-pozizzjoni taż-zebra crossing għar-raġuni, li din sejra tkun ta' periklu kemm għan-nies li sejrin jkunu qegħdin jagħmlu użu minnha għaliex se tkun qegħda eżattament ġo bieb ta' garaxx kif wkoll għall-persuni li sejrin jkunu qegħdin jagħmlu użu minn dan il-garaxx. Il-Kunsill qabel li jwieġeb bl-avukat.

29.8.7 B'referenza għall-ilment numru 26/2021, residenta li toqgħod fi Triq il-Kbira, talbet li jsir patching quddiem ir-residenza. Il-Kunsill qabel li dan il-patching isir.

29.8.8 B'referenza għall-ilment numru 27/2021, resident li joqgħod fi Triq il-Gruwa ilmenta rigward l-manholes tal-ħadid tal-water storm culvert li qed jagħmlu l-istorbju x'ħin jgħaddu l-vetturi. Il-Kunsill qabel li għandu jirranġa dawn.

29.8.9 Il-Kunsill ircieva imejl mingħand resident li joqgħod fi Triq Saguna (il-parti fuq ġewwa) fejn qed jilmenta li din it-triq mhix aċċessibli għal kulħadd u mimlija trabijiet. Hu talab biex din tiġi rranġata temporanjament. Il-Kunsill qal li f'din it-triq għadhom għaddejin ix-xogħolijiet tal-iżvilup.

29.8.10 B'referenza għall-ilment numru 28/2021 resident qed jilmenta dwar ħofra fonda quddiem propjeta privata fi Triq il-Paranji u qed jinġabar ilma fiha, apparti li t-triq għandha bżonn tiġi llivellata. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li dan l-ilment għadda għand MGOZ bis-sistema tal-Works Request System.

29.8.11 Residenti minn Triq 28 ta' April 1688 ġibdu l-attenzjoni li hemm 3 siġar ta' ġuda li dawn jinsabu bla ħajja u oħra qegħda biex. Il-Kunsill ddeċieda li dawn jinbidlu.

29.8.12 Il-Viċi Sindku qalet li Dr Mario Saliba avviċinha b'xi ktieb li kiteb riċenti. Il-Kunsill qabel li jixtri tnejn għall-librerija.

29.8.13 Is-Sindku qal li avviċinah persuna fejn għandu kollezzjoni kbira ta' riċerka fuq Santa Margerita fejn jixtieq li dan jiġi ppublikat fi ktieb. Il-Kunsill wera l-interess fil-pubblikazzjoni ta dan il-ktieb.

## 29.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 8/2021

29.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti Nru. 8/2021 li kienet intbgħatet permezz ta' imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Hu qal li dawn il-pagament għandhom jitħallsu bis-sistema tal-Internet Banking. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-Kunsillier Bajada u ssekondata mill-Kunsillier Tewma. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija

w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta’ din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta’ din il-laqgħa.

## 29.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

29.9.1 Il-laqgħa ntemmet fit-3.37 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 13 ta’ Settembru 2021, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 13 ta’ Settembru, 2021

(iffirmata)

Philip Vella
Sindku

(iffirmata)

Jason Curmi
Segretarju Eżekuttiv